BROADCASTING AUTHORITY L - AWTORITÀ TAX - XANDIR

MALTA

**Dokument ta' Konsultazzjoni**

Aġġornament tar-Regolamenti tal-2010
għall-Kodiċi dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir

**Ħtiġiet u Dmirijiet dwar Standards u Prattika fl-Użu tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir**(ABBOZZ)

Minn żmien għal żmien issir ħafna kritika dwar l-użu ħażin tal-ilsien Malti fuq il-mezzi tax-xandir, kemm għat-televiżjoni kif ukoll għar-radju. L-Awtorità tax-Xandir hija konxja li għandha d-dmir li tieħu l-miżuri kollha li hemm bżonn biex, b'mod raġonevoli u effettiv, tqajjem aktar kuxjenza u għarfien fost l-istazzjonijiet tax-xandir u d-djar tal-produzzjoni tal-programmi dwar il-ħtieġa u d-dmir li l-ilsien Malti jitħaddem sew.

L-użu tal-Malti fix-xandir huwa mħares mil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja taħt l-Att dwar ix-Xandir. Dan l-Avviż Legali kien ġie emendat fl-2010 imma fil-verità ftit li xejn ġie infurzat. Matul dawn l-aħħar snin, l-Awtorità u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti nnutaw li dan il-fatt ma għenx biex is-sitwazzjoni titjieb, b'mod speċjali fil-programmi edukattivi, informattivi (aħbarijiet, ġrajjiet kurrenti, tisjir, moda u sport) u tat-tfal.

L-idea li stazzjon jimpjega konsulent li jaċċerta li l-Malti jintuża tajjeb mill-istazzjon innifsu ma ħadmitx. Mhuwiex possibbli li persuna waħda tkun responsabbli mill-kontenut kollu li jixxandar fuq stazzjon, li ħafna minnu jiġi minn djar tal-produzzjoni differenti.

Għalhekk, il-ħsieb tal-Awtorità huwa li jkun hemm proċess ta' konsultazzjoni li jwassal għal emendi fl-Avviż Legali 180 tal-2010 (Regolamenti tal-2010 għall-Kodiċi dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir) sabiex il-provedimenti tiegħu jkunu jistgħu jiġu infurzati kif jixraq ħalli verament isir sforz ġenwin minn kull min hu konċernat biex l-użu tal-Malti fil-mezzi tax-xandir jitjieb.

7, Mile End Road, HAMRUN HMR 1719, Malta. Tel: (+356) 2122 1281 Fax: (+356) 2124 0855.
E-Mail: info.ba@ba.org.mt

Waħda mill-ikbar problemi li l-Awtorità tħabbat wiċċha magħha meta tiġi biex tinforza dawn ir-regolamenti hu l-fatt li l-multa marbuta mal-Kodiċi hija waħda fissa ta' €2,330. L-Awtorità dejjem saħqet li multa daqshekk għolja m'għandhiex tiġi imposta kif ġieb u laħaq. Madankollu, ir-rieda tajba tal-Awtorità u ta' dawk l-istazzjonijiet li, b'mod regolari, jiġbdu l-attenzjoni tax-xandara tagħhom biex jużaw il-Malti tajjeb, ma kinitx biżżejjed.

Għalhekk, waħda mill-bidliet prinċipali li qed tipproponi l-Awtorità f'dan l-Avviż Legali hi li ma jibqax jissejjaħ "Kodiċi" u għalhekk ma jibqax iġorr miegħu dil-multa fissa ta' €2,330. Minflok, l-Avviż Legali jkollu t-titlu ta': "Ħtiġiet u Dmirijiet dwar Standards u Prattika fl-Użu tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir" u l-multa marbuta ma' xi ksur ta' dispożizzjoni tiegħu tkun ta' €350. F'każ li stazzjon jinstab ħati ta' ksur ripetut tal-provedimenti tal-Avviż Legali, il-multa imposta tiżdied b'20%, b'limitu massimu ta' €2,330. Dan jeħtieġ bidla fil-Ħames Skeda tal-Att dwar ix-Xandir li telenka l-multi amministrattivi li l-Awtorità tista' timponi f'każ li stazzjon jinstab ħati ta' ksur tal-provedimenti tal-liġi.

L-Awtorità tax-Xandir, flimkien mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, jappellaw lill-istazzjonijiet tat-televiżjoni u r-radju biex jifhmu r-responsabbiltà tagħhom u jwettquha ħalli s-sitwazzjoni preżenti titjieb, billi jużaw dejjem Malti tajjeb:

(a) Fl-ortografija, inkluż fl-użu tat-tipi (*fonts*) tal-Malti fil-grafika tal-programmi tagħhom, speċjalment fit-titli tal-aġġornamenti u l-bullettini tal-aħbarijiet. Dan għalissa ma jgħoddx għall-messaġġi (SMSs), mibgħuta mit-telespettaturi, li jixxandru f'xi programmi;
(b) Fir-reklamar u l-programmi tat-telebejgħ, kemm fil-mitħaddet kif ukoll fil-miktub, speċjalment fejn jidħlu n-numri (etajiet, qisien, prezzijiet, numri ta' kuntatt) u ismijiet ta' lwien u lokalitajiet;
(c) Fil-pronunzja, inkluż fil-programmi tar-radju, biex tkun korretta u ċara, b'sentenzi mibnija tajjeb u mingħajr taħlit tal-Malti ma' lingwi oħra bla bżonn.

L-istazzjonijiet tat-televiżjoni u r-radju għandhom ukoll:

(a) isegwu d-direttivi elenkati fl-Iskedi tal-Avviż Legali;
(b) jikkoperaw u jagħmlu sforz ġenwin biex fil-programmi tagħhom ma jintużax kliem barrani b'kapriċċ, fejn m'hemmx bżonnu, (pereżempju, għax għandna l-ekwivalenti tiegħu bil-Malti), b'mod speċjali fil-programmi edukattivi, informattivi u tat-tfal;
(c) jaraw li l-materjal ipprovdut lilhom mid-djar tal-produzzjoni, inkluż il-grafika lesta, ikollu Malti tajjeb.

B'Malti tajjeb nifhmu Malti standard, kurrenti u modern, b'kitba konformi mar-regoli uffiċjali attwali tal-ortografija u b'lessiku adattat għall-kuntest tad-diskors, bi pronunzja korretta u ċara, b'binja korretta tas-sentenza, mingħajr taħlit bla bżonn tal-Malti ma' lingwi oħra, u b'idjoma xierqa.

Mehmuż ma' din iċ-ċirkulari għandkom issibu abbozz tal-Avviż Legali kif propost mill-Awtorità tax-Xandir. Dan ġie diskuss fid-dettall mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

L-istazzjonijiet tax-xandir bit-televiżjoni u r-radju (inkluż l-istazzjonijiet tar-radju tal-komunità), id-djar tal-produzzjoni, l-aġenziji tar-reklamar u kull min għandu interess fis-suġġett għandhom jibagħtu r-reazzjonijiet tagħhom bil-miktub sa mhux aktar tard mill-Erbgħa, l-1 t'Ottubru 2014 fuq info.ba@ba.org.mt jew inkella bil-posta: L-Awtorità tax-Xandir, 7 Triq Mile End, Il-Ħamrun HMR1719.

Pierre Cassar
Kap Eżekuttiv

25 t'Awwissu 2014

**Tibdil fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.10**

Avviż Legali (*abbozz*)

**Ħtiġiet u Dmirijiet dwar Standards u Prattika fl-Użu tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir**

1. It-titlu ta' dawn ir-regolamenti hu: "Ħtiġiet u Dmirijiet dwar Standards u Prattika fl-Użu tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir", u r-regolamenti jorbtu lill-istazzjonijiet tat-televiżjoni u r-radju.

2. Stazzjon tax-Xandir (televiżjoni u radju) li jxandar programmi bil-Malti għandu jifhem ir-responsabbiltà tiegħu li jħares l-ilsien Malti u jippromwovi l-użu tajjeb tiegħu fil-programmi, b'mod speċjali fil-programmi edukattivi, informattivi (aħbarijiet, ġrajjiet kurrenti, tisjir, moda u sport) u tat-tfal.

3. B'Malti tajjeb nifhmu użu ta' Malti standard, kurrenti u modern, b'kitba konformi mar-regoli uffiċjali attwali tal-ortografija u b'lessiku adattat għall-kuntest tad-diskors, bi pronunzja korretta u ċara, b'binja korretta tas-sentenza, mingħajr taħlit bla bżonn tal-Malti ma' lingwi oħra, u b'idjoma xierqa.

4. Għaldaqstant, stazzjon li jxandar programmi bil-Malti għandu l-obbligu jara li l-ilsien Malti jintuża kif jixraq, u dan billi:

   (i) ikollu mekkaniżmu intern li bih jimpjega miegħu xandara u preżentaturi b'livell tajjeb ta' Malti, anke fejn tidħol il-pronunzja (televiżjoni u radju), u jiżgura li l-mistiedna fil-programmi kollha tiegħu, u b'mod speċjali l-mistiedna residenti, jużaw Malti tajjeb;

   (ii) fejn ikun meħtieġ, ifittex is-servizz ta' persuna/i li jkunu jafu jħaddmu sew il-Malti fit-taħdit u l-kitba, u li jkunu approvati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Il-funzjoni tagħhom tista' tieħu diversi forom, fosthom li:
      a. jiġu kkonsultati minnufih u bil-quddiem f'każ ta' diffikultà fl-użu tal-lingwa (kitba u taħdit);
      b. regolarment isegwu kampjun mill-programmi tal-istazzjon u jiġbdu l-attenzjoni għal titjib fejn ikun meħtieġ;
      c. iżommu ruħhom aġġornati billi jattendu s-seminars u l-korsijiet tal-Malti organizzati minn żmien għal żmien mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, id f'id mal-Awtorità tax-Xandir;

(iii) jiżgura li fejn tidħol xi kitba (grafika) bil-Malti, din:

a. tinkiteb dejjem bit-tipi *(fonts)* tal-Malti, jiġifieri biċ-*Ċċ*, *Ġġ*, *Ħħ*, *Żż*, u mhux b'xi ittri oħra minflokhom;

b. tkun kitba korretta u aġġornata mar-regoli uffiċjali tal-ortografija Maltija. Dan jgħodd għal kull kitba bil-Malti li tidher fuq l-iskrin, inklużi ż-żigarella tal-aħbarijiet (*crawls*) u r-reklami.

*Dan l-obbligu għalissa ma japplikax għall-SMSs li jintbagħtu mit-telespettaturi f'ċerti programmi. F'dan il-każ, qabel jibdew jidhru l-messaġġi fuq l-iskrin, il-preżentatur għandu javża li: "Il-messaġġi qed jidhru miktuba kif jintbagħtu, b'Malti li mhux neċessarjament korrett."*

(iv) jiżgura li l-materjal ipprovdut lilu mid-djar tal-produzzjoni jkollu Malti tajjeb, kemm mitħaddet kif ukoll miktub. Dan jgħodd ukoll għall-programmi tar-radju u t-telebejgħ, speċjalment fejn jidħlu n-numri (etajiet, qisien, prezzijiet, numri ta' kuntatt) u ismijiet ta' lwien u lokalitajiet;

(v) jikkopera u jagħmel sforz ġenwin biex fil-programmi tiegħu ma jintużax kliem barrani b'kapriċċ fejn m'hemmx bżonnu (pereżempju, għax għandna l-ekwivalenti tiegħu bil-Malti), b'mod speċjali fil-programmi edukattivi, informattivi u tat-tfal;

(vi) jimpenja ruħu li juża ismijiet kreattivi bil-Malti għall-programmi tal-iskedi tiegħu;

(vii) isegwi ċ-ċirkularijiet u d-direttivi dwar l-użu tal-lingwa Maltija fix-xandir li joħorġu minn żmien għal żmien mill-Awtorità tax-Xandir, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, u li qegħdin fl-Iskedi ta' dan l-Avviż Legali. Dawn il-provedimenti huma intiżi biex jistandardizzaw kliem u espressjonijiet, kif ukoll grafika komuni, u b'hekk iħaffu x-xogħol tax-xandara u l-persuni tekniċi li jtellgħu l-grafika fuq l-iskrin.

5. L-Istazzjonijiet tax-Xandir b'Oġġettiv ta' Interess Ġenerali għandhom l-obbligu jxandru tal-anqas programm/i jew taqsima/iet minn programm/i (li jammontaw għal mhux inqas minn 30 minuta fil-ġimgħa) f'kull skeda ta' tliet xhur bl-għan speċifiku li jippromwovu l-ilsien Malti. Dan l-obbligu jeskludi l-istazzjonijiet tar-radju nazzjonali li jxandru biss programmi ta' mużika u l-istazzjonijiet tar-radju tal-komunità.

*Huma meqjusin programmi li jippromwovu l-Malti dawk il-programmi li jittrattaw direttament xi aspetti tal-lingwa u li jgħinu attivament lis-semmiegħa/ telespettaturi japprezzawha u jużawha aħjar. Għalhekk, programmi dwar il-wirt kulturali Malti, folklor, u programmi letterarji bħall-qari ta' rumanz, filwaqt li jgħinu*

*fil-preżenza tal-Malti fix-xandir, ma jitqisux bħala programmi ta' promozzjoni għall-ilsien Malti.*

6. L-Istazzjonijiet tax-Xandir b'Oġġettiv ta' Interess Ġenerali għandhom l-obbligu jipprovdu verżjoni bil-Malti ta' dak li, għal raġunijiet tassew neċessarji, jinstema' jew jidher b'lingwa oħra, kemm waqt programmi ta' aħbarijiet jew ġrajjiet kurrenti bil-Malti, kif ukoll fi programmi lokali b'mistednin li ma jitkellmux bil-Malti.

   Il-verżjoni Maltija tista' tieħu s-sura ta':
   a. traduzzjoni (jew taqsira bil-Malti) ta' kulma jintqal li, fil-każ tat-televiżjoni, tidher miktuba f'parti tal-iskrin (sottotitli) waqt id-diskors;
   b. traduzzjoni (jew taqsira bil-Malti) ta' kulma jkun intqal, li ssir mill-intervistatur jew preżentatur ta' programm, eżatt wara l-intervent bl-ilsien barrani;
   c. traduzzjoni f'għamla ta' *voice over* bil-Malti li tieħu post id-diskors bl-ilsien barrani, ngħidu aħna fis-servizzi tal-aħbarijiet u fi programmi rrekordjati.

   B'dan il-mod, l-udjenza Maltija tkun tista' ssegwi kif jixraq l-argumenti kollha ta' programm lokali, bil-lingwa Maltija.

---

**L-ISKEDI**

**Skeda A** (Televiżjoni u Radju)

- Lista bl-ismijiet tal-lokalitajiet maħruġa mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

**Skeda B** (Televiżjoni)

- Lista ta' termini użati fi tmiem il-programmi

*Nota: Minn żmien għal żmien jibqgħu jinħarġu skedi oħra kif meħtieġ, mill-Awtorità tax-Xandir u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.*

**Skeda A**

## L-ISMIJIET TAL-BLIET U L-IRĦULA MALTIN

1. Il-Belt Valletta
2. L-Imdina
3. Il-Birgu
4. L-Isla
5. Bormla
6. Ħal Qormi
7. Ħaż-Żebbuġ
8. Ħaż-Żabbar
9. Is-Siġġiewi
10. Iż-Żejtun
11. Ir-Rabat, Għawdex
12. Ħ’Attard
13. Ħal Balzan
14. Birkirkara
15. Birżebbuġa[2]
16. Ħad-Dingli
17. Il-Fgura
18. Il-Furjana
19. Il-Fontana[3]
20. Il-Gudja
21. Il-Gżira
22. Għajnsielem
23. L-Għarb
24. Ħal Għargħur
25. L-Għasri
26. Ħal Għaxaq
27. Il-Ħamrun
28. L-Iklin
29. Il-Kalkara
30. Ta’ Kerċem
31. Ħal Kirkop
32. Ħal Lija
33. Ħal Luqa
34. Il-Marsa
35. Marsaskala[1]
36. Marsaxlokk
37. Il-Mellieħa
38. L-Imġarr
39. Il-Mosta
40. L-Imqabba
41. L-Imsida
42. Il-Munxar
43. In-Nadur
44. In-Naxxar
45. Raħal Ġdid
46. Pembroke
47. Tal-Pietà
48. Il-Qala
49. Il-Qrendi
50. Ir-Rabat
51. Ħal Safi
52. San Ġiljan
53. San Ġwann
54. San Lawrenz
55. San Pawl il-Baħar
56. Ta’ Sannat
57. Santa Luċija
58. Santa Venera

[1] Mhux ~~Marsascala~~ kif konna naraw miktub. Hawn inħeġġu li jibqa’ jintuża wkoll l-isem sabiħ, bi storja twila: ‘Wied il-Għajn’.
[2] Mhux ~~Birzebbugia~~, kif konna naraw miktub.
[3] Inħeġġu li jintuża wkoll l-isem sabiħ u ħaj fost l-Għawdxin: ‘It-Triq tal-Għajn’.

| | |
|---|---|
| 59. Tas-Sliema | 64. Ix-Xewkija |
| 60. Is-Swieqi | 65. Ix-Xgħajra |
| 61. Ta' Xbiex | 66. Iż-Żebbuġ |
| 62. Ħal Tarxien | 67. Iż-Żurrieq |
| 63. Ix-Xagħra | 68. L-Imtarfa |

## L-ISMIJIET TAL-KOMUNITAJIET MALTIN

| | |
|---|---|
| 1. Fleur-de-Lys | 9. Ix-Xlendi |
| 2. Santa Luċija, Għawdex | 10. Tal-Virtù |
| 3. Gwardamanġa[4] | 11. Ħal Farruġ |
| 4. Paceville | 12. St Peter |
| 5. Il-Kappara | 13. Is-Swatar |
| 6. Il-Madliena | 14. Burmarrad |
| 7. Marsalforn | 15. Il-Baħrija |
| 8. Bubaqra | 16. Baħar iċ-Ċagħaq |

SKEDA A-01-L-ISMIJIET TAL-LOKALITAJIET MALTIN

Fit-taħdit u l-kitba bil-Malti l-ismijiet tal-lokalitajiet tagħna għandhom jintużaw dejjem sħaħ. Dawk l-ismijiet li għandhom **Ħal, Ta'** jew **l-artiklu** fihom, għandna ngħiduhom u niktbuhom bihom (eż. **Ħal** Kirkop, **Ħal** Għaxaq, **Ta'** Xbiex, **Tas**-Sliema, **Il**-Ħamrun, **Ix**-Xewkija) għax dawn huma parti integrali mill-isem.

Imma qabel, ta' min jinnota dawn:

## 1. Kif tikteb Ħal

a) Meta l-isem jieħu **Ħal** (it-taqsira ta' 'raħal'), jinkiteb dejjem bla sing.
(eż. **Ħal** Balzan, **Ħal** Qormi, **Ħal** Safi, **Ħal** Tarxien)

b) Meta l-(l) ta' **Ħal** issir bħall-ittra ta' warajha, jinkiteb bis-sing.
(eż. **Ħad**-Dingli, **Ħaż**-Żabbar, **Ħaż**-Żebbuġ)

c) Niktbu **Ħ'Attard, Ħal Lija, Ħal Luqa**

[4] Mhux ~~Gwardamanġia~~ kif konna naraw miktub.

## 2. Kif tikteb l-artiklu

Niktbu:

a) **il**-Birgu, **il**-Furjana, **il**-Gżira, **il-**Mellieħa, **il**-Qala

b) **in-**Nadur, **ir**-Rabat, **is-**Swieqi, **ix**-Xagħra, **iż**-Żejtun

c) **l-I**mġarr (mhux l-~~iMġarr~~), **l-I**msida (mhux l-~~iMsida~~, **l-I**mtarfa (mhux l-~~iMtarfa~~), **l-I**klin, **l-I**sla

## 3. Meta tibda l-isem b'ittra kbira jew b'ittra żgħira

a) Il-**Ħal** u t-**Ta'** fl-ismijiet jinkitbu dejjem b'ittra kbira, anke meta l-isem jidher f'nofs sentenza (eż. Telaq minn **Ta' Qali**, għadda minn **Ħal Lija** u baqa' jaqdef sa **Tas-Sliema**.)

b) L-artiklu jinkiteb dejjem b'ittra kbira meta l-isem jidher waħdu f'tabella jew f'mappa.
Jinkiteb b'ittra żgħira meta jidher f'nofs sentenza u meta jintegra mal-isem.

Eż. Iċ-ċerimonja se ssir l-Università, Tal-Qroqq, **l-Imsida**.
Ħaż-Żebbuġ u **ż-Żebbuġ** mhux l-istess post! F'Għawdex m'hemmx irħula bil-Ħal.
Il-maratona se tgħaddi mis-**Swieqi**, Tal-Ibraġ u **n-Naxxar**.

## 4. It-taqsira tal-ismijiet

a) It-taqsiriet mhux rakkomandat li jintużaw, la f'kitba twila u lanqas fi grafika b'tabelli. Madankollu, f'każ li jkun hemm verament bżonnhom minħabba nuqqas ta' spazju, tajjeb li jinżamm l-istandard u jitniżżlu kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Birkirkara** | **B'Kara** |
| **Birżebbuġa** | **B'Buġa** |
| **Għajnsielem** | **Għ'Sielem** |
| **Gwardamanġa** | **G'Manġa** |
| **Marsalform** | **M'Forn** |
| **Marsaxlokk** | **M'Xlokk** |
| **Marsaskala** | **M'Skala** |

b) Il-lokalitajiet b'isem ta' qaddis/a titqassrilhom l-ewwel biċċa tat-titlu b'dan il-mod:

**San** titqassar **S.** (eż. **S. Ġwann**)

**Santa** titqassar **Sta** (eż. **Sta Luċija**[5])

It-taqsira ta' Santa (Sta) ma tiħux tikka warajha għax it-tnaqqis qed isir minn ġewwa. It-tikka nagħmluha biss wara t-taqsira ta' San (S.) għax it-tnaqqis qiegħed f'tarf il-kelma.

Din hi l-lista tal-aktar lokalitajiet komuni, b'isem ta' qaddis/a:

| | |
|---|---|
| **San Ġiljan** | S. Ġiljan |
| **San Ġwann** | S. Ġwann |
| **San Lawrenz** | S. Lawrenz |
| **San Pawl il-Baħar** | S. Pawl il-Baħar |
| **Santa Luċija** | Sta Luċija |
| **Santa Venera** | Sta Venera |

**NOTA:** M'għandhomx jintużaw it-taqsiriet l-antiki ~~M'Scala~~, ~~Sta Lucia~~, ~~G'Manġia~~ u ~~B'Buġia~~.

[5] Mhux ~~Santa Lucia~~ kif konna naraw miktub.

**Skeda B**

**TITLI TELEVIŻIVI GĦAL TMIEM IL-PROGRAMMI**

| | INGLIŻ [EN] | MALTI [MT] |
|---|---|---|
| 1 | Advertising<br>Sales team | Reklami |
| 2 | All rights reserved<br>Copyright | Kull dritt riservat<br>Id-drittijiet riservati |
| 3 | Assistant director/s | Assistenza tad-direzzjoni |
| 4 | Assistant technician/s | Assistenza teknika |
| 5 | Audio<br>Audio crew / persons | Awdjo |
| 6 | Avid editor | Editur tal-Avid |
| 7 | Camera<br>Camera crew<br>Cameraman / Cameramen<br>Cameraperson/s<br>Camera operator/s | Kamera/s |
| 8 | CCU | CCU |
| 9 | CG | Grafika Elettronika |
| 10 | Coordinator<br>Team manager | Koordinazzjoni |
| 11 | Director / Directed by<br>-Artistic director<br>-Technical director | Direzzjoni<br>-Direzzjoni artistika<br>-Direzzjoni teknika |
| 12 | Editing | Muntaġġ |
| 13 | Engineers<br>(Audio / VTR) | Inġiniera<br>-Inġiniera tal-awdjo<br>-Inġiniera tal-vidjow |
| 14 | Filming | Filmat/i |
| 15 | Floor manager | Floor manager |
| 16 | FX | Effetti Tekniċi |
| 17 | Graphics | Grafika |
| 18 | Guest<br>Guests<br>Special guest/s<br>Resident guest/s | Mistieden JEW Mistiedna<br>Mistednin<br>Mistieden JEW Mistiedna speċjali<br>Mistieden JEW Mistiedna residenti |
| 19 | Lighting | Dwal |
| 20 | Main sponsor<br>Main sponsors | Sponser ewlieni<br>Sponsers ewlenin |
| 21 | Make up<br>Make up artist/s | Irtokk |
| 22 | Music<br>Opening music<br>Background music<br>Closing music<br>Musical arrangements | Mużika<br>Mużika tal-ftuħ<br>Mużika fl-isfond<br>Mużika tal-għeluq<br>Arranġamenti mużikali |
| 23 | Photographer<br>Photography | Fotografija |
| 24 | Presentation Officer | Uffiċjal tat-trażmissjoni |

| | | |
|---|---|---|
| 25 | Presenter/s<br>Presented by | Preżentazzjoni |
| 26 | Producer/s<br>Produced by | Produzzjoni<br>- Produzzjoni eżekuttiva<br>- Produzzjoni teknika |
| 27 | Production assistance<br>Production assistant/s | Assistenza tal-produzzjoni |
| 28 | Readings | Qari |
| 29 | Research | Riċerka |
| 30 | Rigger/s | Armar |
| 31 | Script/s | Kitba |
| 32 | Senior Technical Officer | Uffiċjal Tekniku Eżekuttiv |
| 33 | Set<br>Set design<br>Set construction<br>Set dressing<br>Scenography<br>Scenes | Sett<br>Disinn tas-sett<br>Bini tas-sett<br>Armar tas-sett<br>Xenografija<br>Xeni |
| 34 | Special effects | Effetti Speċjali |
| 35 | Sponsors<br>-Clothes<br>-Shoes<br>-Nails<br>-Hair<br>-Costumes<br>-Curtains<br>-Sofas<br>-Carpets | Sponsers<br>-Ilbies<br>-Żraben<br>-Kura tad-dwiefer<br>-Kura tax-xagħar<br>-Kostumi<br>-Purtieri<br>-Sufanijiet<br>-Twapet |
| 36 | Taking part | Jieħdu/Ħadu sehem |
| 37 | Talent<br>-Actors<br>-Singers<br>-Band<br>-Musicians<br>-Orchestra<br>-Vocals<br>-Models<br>-Dancers<br>-Choreography | Talent<br>-Atturi<br>-Kantanti<br>-Grupp mużikali<br>-Mużiċisti<br>-Orkestra<br>-Vuċijiet<br>-Mudelli<br>-Żeffiena<br>-Koreografija |
| 38 | Technician/s | Teknika |
| 39 | Thanks to<br>Special thanks | Ħajr<br>Ħajr speċjali (għall-isponsers ewlenin) |
| 40 | Videotape operator | Operatur tal-vidjow |
| 41 | Website | Sit elettroniku |

Din hija l-istess lista (MT-EN):

| | MALTI [MT] | INGLIŻ [EN] |
|---|---|---|
| 1 | Armar | Rigger/s |
| 2 | Assistenza tad-direzzjoni | Assistant director/s |
| 3 | Assistenza tal-produzzjoni | Production assistance<br>Production assistant/s |
| 4 | Assistenza teknika | Assistant technician/s |
| 5 | Awdjo | Audio<br>Audio crew / persons |
| 6 | CCU | CCU |
| 7 | Direzzjoni<br>-Direzzjoni artistika<br>-Direzzjoni teknika | Director / Directed by<br>-Artistic director<br>-Technical director |
| 8 | Dwal | Lighting |
| 9 | Editur tal-Avid | Avid editor |
| 10 | Effetti Speċjali | Special effects |
| 11 | Effetti Tekniċi | FX |
| 12 | Filmat/i | Filming |
| 13 | Floor manager | Floor manager |
| 14 | Fotografija | Photographer<br>Photography |
| 15 | Grafika | Graphics |
| 16 | Grafika Elettronika | CG |
| 17 | Ħajr<br>Ħajr speċjali | Thanks to<br>Special thanks |
| 18 | Inġiniera<br>-Inġiniera tal-awdjo<br>-Inġiniera tal-vidjow | Engineers<br>(Audio / VTR) |
| 19 | Irtokk | Make up<br>Make up artist/s |
| 20 | Jieħdu/Ħadu sehem | Taking part |
| 21 | Kamera/s | Camera<br>Camera crew<br>Cameraman / Cameramen<br>Cameraperson/s<br>Camera operator/s |
| 22 | Kitba | Script/s |
| 23 | Koordinazzjoni | Coordinator<br>Team manager |
| 24 | Kull dritt riservat<br>Id-drittijiet riservati | All rights reserved<br>Copyright |
| 25 | Mistieden JEW Mistiedna<br>Mistednin<br>Mistieden JEW Mistiedna speċjali<br>Mistieden JEW Mistiedna residenti | Guest<br>Guests<br>Special guest/s<br>Resident guest/s |
| 26 | Muntaġġ | Editing |
| 27 | Mużika<br>-Mużika tal-ftuħ<br>-Mużika fl-isfond<br>-Mużika tal-għeluq | Music<br>-Opening music<br>-Background music<br>-Closing music |

| | | |
|---|---|---|
| | -Arranġamenti mużikali | -Musical arrangements |
| 28 | Operatur tal-vidjow | Videotape operator |
| 29 | Preżentazzjoni | Presenter/s<br>Presented by |
| 30 | Produzzjoni<br>-Produzzjoni eżekuttiva<br>-Produzzjoni teknika | Producer/s<br>Produced by |
| 31 | Qari | Readings |
| 32 | Reklami | Advertising<br>Sales team |
| 33 | Riċerka | Research |
| 34 | Sett<br>-Disinn tas-sett<br>-Bini tas-sett<br>-Armar tas-sett<br>-Xenografija<br>-Xeni | Set<br>-Set design<br>-Set construction<br>-Set dressing<br>-Scenography<br>-Scenes |
| 35 | Sit elettroniku | Website |
| 36 | Sponser ewlieni<br>Sponsers ewlenin | Main sponsor<br>Main sponsors |
| 37 | Sponsers<br>-Ilbies<br>-Żraben<br>-Kura tad-dwiefer<br>-Kura tax-xagħar<br>-Kostumi<br>-Purtieri<br>-Sufanijiet<br>-Twapet | Sponsors<br>-Clothes<br>-Shoes<br>-Nails<br>-Hair<br>-Costumes<br>-Curtains<br>-Sofas<br>-Carpets |
| 38 | Talent<br>-Atturi<br>-Kantanti<br>-Grupp mużikali<br>-Mużiċisti<br>-Orkestra<br>-Vuċijiet<br>-Mudelli<br>-Żeffiena<br>-Koreografija | Talent<br>-Actors<br>-Singers<br>-Band<br>-Musicians<br>-Orchestra<br>-Vocals<br>-Models<br>-Dancers<br>-Choreography |
| 39 | Teknika | Technician/s |
| 40 | Uffiċjal tat-trażmissjoni | Presentation Officer |
| 41 | Uffiċjal Tekniku Eżekuttiv | Senior Technical Officer |